SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

29 ta' April 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Assigurazzjoni diretta għall-ħajja — Direttiva 92/96/KEE — Artikolu 31(3) — Informazzjoni li għandha tingħata lid-detentur tal-polza — Obbligu tal-assiguratur li jagħti informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż u l-primjums skont prinċipji ġenerali tad-dritt nazzjonali"

Fil-Kawża C-51/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Jannar 2013, fil-proċedura

Nationale-Nederlanden Levensverzekering Mij NV

vs

Hubertus Wilhelmus Van Leeuwen,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, A. Rosas, E. Juhász u D. Šváby (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta' Marzu 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Nationale-Nederlanden Levensverzekering Mij NV, minn B. Jonk-van Wijk u G. van der Wal, advocaten,

— għal H.W. Van Leeuwen, minn D. Beljon u P. Boeken, advocaten,

— għall-Gvern Olandiż, minn B. Koopman, bħala aġent,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Wilman u K.P. Wojcik, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2014,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 92/96/KEE tal-Kunsill, tal-10 ta' Novembru 1992, li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE (it-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja) (ĠU L 360, p. 1).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Nationale-Nederlanden Levensverzekering Mij NV (iktar 'il quddiem "NN") u H.W. Van Leeuwen fir-rigward tal-ammont tal-ispejjeż u tal-primjums għall-koperatura tar-riskju ta' mewt li hija parti mill-polza ta' assigurazzjoni għall-ħajja sottoskritta minn H.W. Van Leeuwen ma' NN.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 It-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja ġiet imħassra u ssostitwita bid-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Novembru 2002, li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 6, p. 3) li sussegwentement ġiet imħassra hija wkoll u ssostitwita, b'effett mill-1 ta' Novembru 2012, bid-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, p. 1). Madankollu, fid-dawl tad-data li fiha ġie konkluż il-kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja, li huwa s-suġġett tal-kawża prinċipali, id-dispożizzjonijiet tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja jibqgħu rilevanti għas-soluzzjoni ta' din il-kawża.

4 Il-premessi 9 u 23 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja jaqraw kif ġej:

"(9) [...] ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jiddefinixxu standards minimi; [...] l-Istat Membru ta' oriġini jista' jistabbilixxi regoli iktar stretti fir-rigward tal-impriżi tal-assigurazzjoni awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu stess;

[...]

(23) [...] fil-kuntest ta' suq wieħed għall-assigurazzjoni, il-konsumatur ikollu għażla usa' u iktar varjata ta' kuntratti; [...] sabiex huwa jkun jista' jibbenefika kompletament minn din id-diversità u minn kompetizzjoni msaħħa, huwa għandu jkollu l-informazzjoni neċessarja sabiex ikun jista' jagħżel il-kuntratt li jkun l-iktar wieħed adatt għall-bżonnijiet tiegħu; [...] din in-neċessità ta' informazzjoni hija iktar u iktar importanti peress li t-tul tal-impenji jista' jkun twil ħafna; [...] id-dispożizzjonijiet minimi għandhom għalhekk jiġu kkoordinati sabiex il-konsumatur jirċievi informazzjoni ċara u eżatta dwar il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti lilu kif ukoll id-dettalji tal-korpi li lilhom ikun jista' jiġi indirizzati kull ilment ta' detenturi tal-poloz, persuni assigurati jew benefiċjarji tal-kuntratt." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 L-Artikolu 31 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt ta' assigurazzjoni, mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-punt A tal-Anness II għandha tiġi kkomunikata lid-detentur tal-polza.

2. Id-detentur tal-polza għandu jinżamm informat tul it-terminu tal-kuntratt dwar kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-informazzjoni elenkata fil-punt B tal-Anness II.

3. L-Istat Membru tal-impenn jista' jeżiġi li l-impriżi ta' assigurazzjoni jipprovdu informazzjoni addizzjonali għal dik elenkata fl-Anness II biss jekk din tkun neċessarja sabiex id-detentur tal-polza jkun jista' jifhem sewwa l-elementi essenzjali tal-impenn.

4. Ir-regoli ddettaljati għall-implementazzjoni ta' dan l-artikolu u tal-Anness II għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru tal-impenn." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 L-Anness II tal-imsemmija direttiva, intitolat, "Informazzjoni lid-detenturi tal-poloz" tispeċifika:

"L-informazzjoni, li għandha tiġi kkomunikata lid-detentur tal-polza qabel il-konklużjoni tal-kuntratt (A) jew matul it-terminu tal-kuntratt (B), għandha tiġi pprovduta b'mod ċar u eżatt, bil-miktub, f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-impenn.

Madankollu, din l-informazzjoni tista' tkun f'lingwa oħra jekk id-detentur tal-polza hekk jitlob, u l-liġi tal-Istat Membru tippermetti dan jew jekk id-detentur tal-polza jkun liberu li jagħżel il-liġi applikabbli.

A. Qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt

Informazzjoni dwar l-impriża ta' assigurazzjoni	Informazzjoni dwar l-impenn
[...]	(a) 4 Definizzjoni ta' kull benefiċċju u kull għażla
[...]	(a) 5 Terminu tal-kuntratt
[...]	(a) 6 Mezzi biex jiġi terminat il-kuntratt
[...]	(a) 7 Mezz ta' ħlas
[...]	(a) 8 Mezz tal-kalkolu u d-distribuzzjoni tal-bonuses
[...]	(a) 9 Indikazzjoni ta' valuri ta' rinunzja u valuri mħallsa u l-estent li għalih huma garantiti
[...]	(a) 10 Informazzjoni dwar il-*premiums* għal kull benefiċċju, kemm benefiċċji ewlenija u kemm benefiċċji supplimentari, meta
[...]	[...]"

7 Il-punt B tal-Anness II tal-istess direttiva jelenka l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lid-detentur tal-polza waqt it-terminu tal-kuntratt. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li, minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali u speċjali li għandhom jiġu kkomunikati lilu, id-detentur tal-polza għandu jingħata, minn naħa, fil-każ ta' modifikazzjoni għall-kuntratt jew ta' emenda tal-liġi applikabbli għalih, l-informazzjoni kollha li tinsab fil-punti (a) 4 sa (a) 12 tat-Titolu A ta' dan l-anness u, min-naħa l-oħra, kull sena, l-informazzjoni li tikkonċerna d-distribuzzjoni tal-bonuses.

Id-dritt Olandiż

8 L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-1998 li jirrigwarda l-provvista ta' informazzjoni lid-detenturi tal-poloz ta' assigurazzjoni (Regeling informatieverstrekking aan verzekeringsnemers 1998, iktar 'il quddiem ir-"RIAV 1998") ittraspona fid-dritt intern l-Artikolu 31 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja. Fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-każ inkwistjoni, din id-dispożizzjoni taqra kif ġej:

"1. Assiguratur li joffri kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja lil detentur ta' polza ta' assigurazzjoni residenti jew stabbilit fil-Pajjiżi l-Baxxi għandu jiżgura li dan tal-aħħar ikollu għandu fil-pussess tiegħu l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tal-polza.

2. Fejn ma joħroġx mill-kundizzjonijiet ġenerali jew speċifiċi tal-polza, l-assiguratur għandu jiżgura, barra minn hekk, li d-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni jiġi informat bil-miktub dwar l-informazzjoni segwenti:

[...]

q. l-impatt tal-ispejjeż u t-tnaqqis imposti fir-rigward tad-detentur tal-polza fuq il-qligħ u l-benefiċċju assoċjati mal-kuntratt;

r. jekk applikabbli, l-ispejjeż li setgħu jiġu imposti b'żieda mal-primjum gross;

[...]"

9 Skont l-espożizzjoni tal-motivi tar-RIAV 1998, l-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar hija rregolata mil-liġi tal-1993 dwar is-superviżjoni tal-industrija tal-assigurazzjoni (Wet toezicht verzekeringsbedrijf 1993, iktar 'il quddiem il-"WTV 1993") u mid-dritt ċivili nazzjonali fis-seħħ, li fosthom jinsabu r-rekwiżiti ta' raġonevolezza u ekwità (Artikolu 2 tal-Kapitolu 6 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Matul is-sena 1999, H.W. Van Leeuwen issottoskriva, ma' NN, assigurazzjoni b'parti investiment, imsejħa "investiment flessibbli assigurat". Din kienet tikkonċerna assigurazzjoni għall-ħajja fejn il-valur akkumulat fid-data tal-għeluq tal-assigurazzjoni ma huwiex iggarantit, iżda jiddependi mill-prestazzjoni tal-investimenti. Barra minn hekk, matul il-perijodu tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, huwa previst il-ħlas ta' kapital fiss u ggarantit jekk id-detentur tal-polza jmut qabel l-iskadenza tal-kuntratt.

11 Jirriżulta mill-kjarifiki mogħtija minn NN fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li, konformement mal-kuntratt ta' assigurazzjoni, primjum li l-ammont tiegħu jkun miftiehem bil-quddiem, imsejjaħ il-"primjum gross", jitħallas bil-quddiem u perjodikament. Dan il-primjum jiġi investit f'fondi ta' investiment magħżula mid-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni. Mill-valur hekk iddeterminat, jitnaqqsu xi spejjeż perjodikament kif ukoll xi primjums għall-kopertura tar-riskju ta' mewt integrat. Dawn il-primjums tal-aħħar ma humiex, għalhekk, meħuda inkunsiderazzjoni separatament, iżda jagħmlu parti integrali, bħall-imsemmija spejjeż, mill-primjum gross.

12 Qabel is-sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni għall-ħajja, NN ipprovdiet lil H.W. Van Leeuwen "proposta għal investiment flessibbli assigurat". Fiha jidhru tliet tipi ta' investimenti fil-kapital, ibbażati fuq prestazzjonijiet differenti u fuq spejjeż ta' ġestjoni ta' 0.3 %. Barra minn hekk, taħt it-titolu "Rendiment tal-prodott", kien hemm imsemmi li "[d-]differenza bejn ir-rendiment tal-fondi u dak tal-prodott tiddependi mir-riskji assigurati, l-ispejjeż, kif ukoll minn xi koperaturi addizzjonali".

13 Wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, qamet tilwima bejn NN u H.W. Van Leeuwen fir-rigward tal-ammont tal-ispejjeż u tal-primjum għall-koperta tar-riskju ta' mewt imnaqqsa mill-assiguratur.

14 Parti mit-tilwima fil-kawża prinċipali hija dwar jekk NN ikkomunikatx biżżejjed informazzjoni dwar l-imsemmija spejjeż u primjums għal riskju qabel is-sottoskrizzjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni. B'mod partikolari, hemm inkwistjoni n-nuqqas ta' komunikazzjoni lil H.W. Van Leeuwen ta' informazzjoni ġenerali separata jew ħjiel tal-ispejjeż attwali u/jew definittivi kif ukoll tal-istruttura tagħhom.

15 Skont il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkunsidrat li, billi sempliċement ipprovdiet, lid-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni, l-informazzjoni dwar l-impatt tal-ispejjeż u tal-primjums tar-riskju fuq il-valur tal-investiment, NN issodisfat ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 2(2)(q) u (r) tar-RIAV 1998, iżda kisret ir-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba" tad-dritt Olandiż, li jinkludu, fil-każ inkwistjoni, l-obbligu ta' diliġenza tal-impriżi ta' assigurazzjoni, il-*bona fide* prekuntrattwali kif ukoll ir-raġonevolezza u l-ekwità.

16 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-informazzjoni msemmija fil-punt 14 ta' din is-sentenza ma taqax ma' dik imsemmija fl-Anness II tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja. NN tqis, madankollu, li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 31(3) ta' din id-direttiva, ma jippermettix l-impożizzjoni, fuq l-impriżi ta' assigurazzjoni, li jipprovdu lid-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni, l-informazzjoni relatata ma' dawn ir-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba".

17 F'dan il-kuntest, ir-Rechtbank te Rotterdam iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, jipprekludi li, abbażi ta' regoli miftuħa u/jew mhux miktuba tad-dritt Olandiż, bħar-raġonevolezza u l-ekwità li jirregolaw ir-relazzjoni (pre)kuntrattwali bejn persuna li tipprovdi assigurazzjoni għall-ħajja u persuna assigurata potenzjali, u/jew l-obbligu ġenerali u/jew partikolari ta' diliġenza, il-persuni li jipprovdu assigurazzjoni għall-ħajja jkunu obbligati jikkomunikaw lill-persuni assigurati iktar informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-primjums ta' riskju tal-assigurazzjoni minn dak li ġie preskritt fl-1999 permezz tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Olandiż li jimplementaw id-Direttiva [b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(q) u (r) tar-RIAV 1998]?

2) L-effetti, jew l-effetti possibbli, li d-dritt Olandiż jirrelata man-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni, huma rilevanti sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

18 Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li impriża ta' assigurazzjoni, fuq il-bażi ta' prinċipji ġenerali ta' dritt intern, bħar-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba" inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun obbligata li tikkomunika lid-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni ċerta informazzjoni addizzjonali għal dik elenkata fl-Anness II ta' din id-direttiva.

19 Mill-premessa 23 tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja jirriżulta li din hija maħsuba, essenzjalment, biex tikkoordina d-dispożizzjonijiet minimi sabiex il-konsumatur jirċievi informazzjoni ċara u eżatta dwar il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti ta' assigurazzjoni li jiġu proposti lilu. Bħalma

huwa rrilevat fl-istess premessa, sabiex jibbenefika b'mod sħiħ, fis-suq uniku tal-assigurazzjoni, mill-għażla ikbar u iżjed varjata ta' kuntratti u minn kompetizzjoni ikbar, il-konsumatur għandu jkollu l-informazzjoni neċessarja sabiex jagħżel il-kuntratt l-iżjed adatt għall-bżonnijiet tiegħu.

20 Għal dan il-għan, l-Artikolu 31 ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-punt A tal-Anness II tal-imsemmija direttiva għandha tiġi kkomunikata lid-detentur tal-polza qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni u, fil-paragrafu 2 tiegħu, li l-persuna kkonċernata għandha tinżamm informata, waqt it-tul kollu tal-kuntratt, dwar kull modifikazzjoni li tikkonċerna l-informazzjoni elenkata fil-punt B tal-Anness II tal-istess direttiva. L-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, li huwa l-unika dispożizzjoni msemmija fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jipprevedi li l-Istat Membru tal-impenn jista' jeżiġi li l-impriżi ta' assigurazzjoni jipprovdu informazzjoni addizzjonali għal dik elenkata fl-Anness II ta' din id-direttiva biss jekk tali informazzjoni tkun neċessarja sabiex id-detentur tal-polza jifhem sewwa l-elementi essenzjali tal-impenn li għalih ikun ser jissottoskrivi.

21 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jirriżulta mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, tal-Anness II u tal-premessa 23 tagħha, li l-informazzjoni addizzjonali li l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu, konformement ma' dan l-artikolu, għandha tkun ċara, eżatta u neċessarja sabiex id-detentur tal-polza jifhem sew il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti ta' assigurazzjoni li jkunu proposti lilu (sentenza Axa Royale Belge, C-386/00, EU:C:2002:136, punt 24).

22 Għalhekk, obbligu ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali jista' jiġi impost biss sa fejn din tkun neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan ta' informazzjoni tad-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni u fejn l-informazzjoni mitluba tkun eżatta u ċara biżżejjed biex tilħaq dan il-għan u b'hekk, b'mod partikolari, tiggarantixxi lill-impriżi ta' assigurazzjoni livell suffiċjenti ta' ċertezza legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-48/14, EU:C:2015:91, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata). Hekk kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 60 tal-konklużjonijiet tagħha, jekk l-informazzjoni rikjesta tkun vaga u ġenerali, din ma tistax titqies li hija "informazzjoni neċessarja", fis-sens tal-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

23 Għalkemm il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk ħaseb li jiddefinixxi n-natura tal-informazzjoni addizzjonali li, fl-interess tal-konsumaturi, l-Istati Membri jistgħu jeżiġu mill-impriżi ta' assigurazzjoni, u dan sabiex jippermetti lill-imsemmija konsumaturi japprofittaw b'mod sħiħ mill-għażla ta' prodotti ta' assigurazzjoni offruti fil-kuntest ta' suq uniku tal-assigurazzjoni, l-Artikolu 31(3) ta' din id-direttiva, min-naħa l-oħra, ma stabbilixxiex u lanqas ma llimita l-mod li bih l-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt.

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Istati Membri ma għandhomx l-obbligu li jimponu fuq l-impriżi ta' assigurazzjoni li jikkomunikaw l-informazzjoni addizzjonali għall-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 31(1) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, elenkata fil-punt A tal-Anness II tagħha, iżda li l-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jinkludi possibbiltà li tiddependi mill-Istati Membri jekk jirrikorrux għaliha jew le.

25 Barra minn hekk, mill-Artikolu 31(4) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja jirriżulta li huwa l-Istat Membru tal-impenn li għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni tal-obbligu ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

26 It-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja, li twettaq armonizzazzjoni minima fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lid-detenturi tal-polza ta' assigurazzjoni, fl-Artikolu 31(3) tirregola, madankollu, il-possibbiltà msemmija fil-punt 24 ta' din is-sentenza billi tippreċiża, fuq naħa, li din l-informazzjoni għandha tippermetti lid-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni

jifhem sewwa l-elementi essenzjali tal-impenn. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni tillimita l-informazzjoni addizzjonali li jista' jimponi, fuq l-impriżi ta' assigurazzjoni, l-Istat Membru tal-impenn għal dak li huwa neċessarju għal dan il-għan.

27 Huwa, għalhekk, l-Istat Membru kkonċernat li għandu jiddetermina, skont il-karatteristiċi tal-ordinament ġuridiku tiegħu u tal-ispeċifiċitajiet tas-sitwazzjoni li jrid jirregola, il-bażi legali tal-obbligu li tiġi kkomunikata informazzjoni addizzjonali sabiex jiġi ggarantit, fl-istess waqt, li d-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni jifhem sewwa l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti ta' assigurazzjoni li jkunu proposti lilu u livell suffiċjenti ta' ċertezza legali.

28 Il-bażi legali ta' tali obbligu ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali, u b'mod partikolari ta' jekk dan l-obbligu jirriżultax minn prinċipji ġenerali ta' dritt intern, bħar-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba", li għalihom tirreferi l-qorti tar-rinviju, ma għandhiex, bħala prinċipju, impatt fuq il-konformità tagħhom mad-Direttiva, sa fejn l-imsemmi obbligu jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja msemmija fil-punti 21 u 27 ta' din is-sentenza.

29 Minn dan isegwi li l-bażi legali li minn fuqha l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel użu mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja għandha tkun dik li, skont il-prinċipju ta' ċertezza legali, tippermetti lill-impriżi ta' assigurazzjoni jidentifikaw bi prevedibbiltà suffiċjenti l-informazzjoni addizzjonali li huma jkollhom jikkomunikaw u li fuqha d-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni jkun jista' jiddependi.

30 F'dan ir-rigward, waqt li jiġu evalwati r-rekwiżiti li għandhom jiġu imposti dwar il-prevedibbiltà tal-obbligu li tiġi kkomunikata informazzjoni addizzjonali, il-qorti nazzjonali tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li hija l-impriża ta' assigurazzjoni li għandha tiddetermina n-natura u l-karatteristiċi tal-prodotti ta' assigurazzjoni li hija tipproponi, b'mod li hija għandha, bħala prinċipju, tkun tista' tidentifika l-karatteristiċi ta' dawn il-prodotti li jkunu ta' natura li jiġġustifikaw in-neċessità li tiġi kkomunikata, lid-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni, informazzjoni addizzjonali.

31 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li, skont in-nota ta' spjega tar-RIAV 1998, l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament hija rregolata, b'mod partikolari, mid-dritt ċivili nazzjonali fis-seħħ, "bħar-rekwiżiti ta' raġuni u ekwità" msemmija fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 6 tal-Kodiċi Ċivili.

32 Il-qorti tar-rinviju, madankollu, ma pprovdiet lill-Qorti tal-Ġustizzja ebda spjegazzjonijiet dettaljati la dwar in-natura preċiża, fid-dritt Olandiż, tal-obbligu li tiġi kkomunikata informazzjoni addizzjonali, u lanqas dwar ir-rwol u l-kamp ta' applikazzjoni eżatt, fid-dritt nazzjonali, tar-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba" tad-dritt Olandiż, u sempliċement semmiet l-obbligu ta' diliġenza tal-impriża ta' assigurazzjoni, kif ukoll il-*bona fide* prekuntrattwali u/jew ir-rekwiżiti ta' raġonevolezza u ta' ekwità li għandhom jirregolaw il-konklużjoni tal-kuntratti ta' assigurazzjoni.

33 Fi kwalunkwe każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk ir-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba" fil-kawża prinċipali jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja.

34 Għalhekk, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li impriża ta' assigurazzjoni, fuq il-bażi ta' prinċipji ġenerali tad-dritt intern, bħar-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba" inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun obbligata li tikkomunika, lid-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni, ċerta informazzjoni addizzjonali, minbarra dik elenkata fl-Anness II ta' din id-direttiva, sakemm l-informazzjoni meħtieġa tkun ċara, eżatta u neċessarja sabiex id-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni jifhem sewwa l-elementi essenzjali tal-impenn u li tiggarantixxi ċertezza legali suffiċjenti, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Fuq it-tieni domanda

35 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-effetti li d-dritt nazzjonali jorbot man-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali fis-sens tal-Artikolu 31(3) tat-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja humiex rilevanti sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda.

36 Mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda jirriżulta li l-effetti li d-dritt intern jorbot man-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni, bħala prinċipju, ma għandhomx rilevanza għall-konformità tal-obbligu ta' komunikazzjoni mal-Artikolu 31(3) tad-Direttiva.

Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 31(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE, tal-10 ta' Novembru 1992, li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-assigurazzjoni diretta għall-ħajja, u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE (it-Tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni għall-ħajja) għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li impriża ta' assigurazzjoni, fuq il-bażi ta' prinċipji ġenerali tad-dritt intern, bħar-"regoli miftuħa u/jew mhux miktuba" inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun obbligata li tikkomunika, lid-detentur ta' polza ta' assigurazzjoni, ċerta informazzjoni addizzjonali, minbarra dik elenkata fl-Anness II ta' din id-direttiva, sakemm l-informazzjoni meħtieġa tkun ċara, preċiża u neċessarja sabiex id-detentur ta' polza ta' assigurazzjoni jifhem b'mod effettiv l-elementi essenzjali tal-impenn u sakemm tiggarantixxi ċertezza legali suffiċjenti, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

2) L-effetti li d-dritt nazzjonali jorbot man-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni, bħala prinċipju, ma għandhomx rilevanza għall-konformità tal-obbligu ta' komunikazzjoni mal-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 92/96.

Firem